# L-Altar ta' Lapsi

## (I) L-Altari Laterali tal-Knisja ta' Lapsi

Huwa xieraq li nifthu din is-sensiela dwar l-altari laterali b'dak iddedikat lit-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej, festa magħrufa popolarment bħala '*Lapsi.*' Tajjeb niftakru li dari din il-festa kienet waħda importanti fil-kalendarju tal-Knisja, u l-istorja tal-lokalita' tagħna tixhed ukoll r-rabta li din il-festa kellha mal-knisja l-antika tagħna.

Fir-riċerka li għamel Niki Papagiorcopulo għat-teżi tiegħu dwar il-missjoni ta' l-Ordnijiet Sekulari u Reliġjużi fil-lokalita' ta' San Ġiljan, huwa jindika l-oriġini ta' l-isem 'Ta' Lapsi' li għadu jintuża sal-lum għall-knisja tagħna, u jorbtu mal-festa li kienet issir hemmhekk, kif jiddiskreviha tant tajjeb il-Vigarju Kapitulari, Mons. Salvatore Pontremoli.[1]

Dan fil-fatt, jirreferi għall-festa ta' Lapsi bħala waħda li saret popolari u '*kienet mistennija għax in-nies kienu jiġu San Ġiljan minn Malta kollha dak inhar. L-ewwel kienu jisimgħu l-quddies fil-knisja ta' San Ġiljan ... u jagħtu l-offerti, kienu x'kienu, skond ma jistgħu. Wara kienu jaqbdu l-qoffa bl-ikel u jmorru l-baħar.*'[1] Iktar 'il quddiem insibu li meta twaqqfet il-Fundazzjoni Martinu Borg din kompliet tgħin biex din il-festa ssir aktar popolari.[2]

Għalhekk wieħed ma jiskantax li jsib artal iddedikat lil din il-festa tal-Mulej. Filfatt l-eqdem riferenza li għandna għal artal iddedikat lit-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej hija dik taż-żjara pastorali li l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan għamel lill-knisja tagħna fl-1730. F'din iż-żjara huwa sab li l-knisja '*kellha altar maġġur u żewġ artali tal-ġenb, wieħed iddedikat lil Lapsi u l-ieħor lil Sant'Anna.*'[3]

Matul is-snin insibu bosta riferenzi għall-qagħda ġenerali tal-knisja , kif ukoll riferenzi għaż-żamma u l-kura ta' l-altari tagħha. Interessanti ninnutaw li l-Isqof Ferdinando Mattei, filwaqt li fl-ewwel żjara pastorali tiegħu, fl-1809, huwa sab li '*l-knisja u l-artali kienu armati bil-bżonnijiet kollha,*'[4] sentejn wara fit-tieni viżta pastorali tiegħu (1811) jikkummenta li '*l-artal maġġur ta' San Ġiljan u l-altar tal-ġenb ta' Sant'Anna kienu mneżża' minn kollox waqt li l-artal ta' Lapsi kellu l-bżonnijiet kollha.*'[5]

Iktar 'il quddiem dan l-artal baqa' jissemma', fit-tajjeb u fil-ħażin, jiġifieri kemm meta kien ikkurat u kemm meta kien traskurat. M'għandniex data għall-pittura li hemm fuqu, pero' nafu li hija ta' Raffael Caruana, billi għandha l-firma tiegħu.

Mario Buhagiar jikkummenta li '*f'xi żmien il-pittura ċċekknet fid-daqs u t-truf tat-tila ltwew għal fuq il-gwarniċ ta' l-injam, aktarx biex il-kwadru jkun jista' jidħol fi frontispizju iżgħar. Il-firma ta' l-artist għaldaqstant inħbiet u nstabet proprju dan l-aħħar* (madwar is-sena 1991) *mis-sagristan, is-sur Kelinu Grech.*'[6]



*L-Altar tat-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema, magħruf bħala 'Ta' Lapsi'*

**Raffael Caruana**

Raffael Caruana twieled Ruma fl-1820, billi missieru, Pietru Pawl Caruana, kien pittur u litografu li kien qed jistudja hemmhekk taħt is-superviżjoni tal-pittur famuż Taljan, Minardi. Filfatt hu magħruf li l-istess Minardi kien parrinu tal-pittur tagħna.[7] Buhagiar igħidilna li ma kienx kapaċi daqs missieru, għalkemm kien iħobb jirreferi għalih innifsu bħala '*Raffaele di Malta*'.[8]

Hawn ta' min igħid li missieru Pietru Pawl baqa' magħruf l-aktar għall-kwadru titulari ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, miżmum b'tant għożża fis-Santwarju tal-Kolleġġjata ta' Bormla. '*Jingħad li din il-pittura kienet waħda profetika għaliex meta lestiha fl-1828 huwa kien ħareġ 'il barra mit-tradizzjoni sagra fejn il-Madonna dejjem kienet tiġi mpittra b'libsa u mant ċelesti u minflok huwa pittirha b'libsa bajda u faxxa kaħla kif fil-fatt kienet dehret f'Lourdes fl-1858, jiġifieri tletin sena wara li tlesta l-kwadru.*'[9]

Sfortunatament ibnu Raffael ma kellux ikollu din ix-xorti u fil-fatt ma tantx kellu suċċessi fil-qasam ta' l-arti. Madanakollu aħna xxurtjati biż-żejjed li l-biċċa xogħol li ħallielna hija waħda mill-iprem jekk mhux l-aħjar tiegħu. Nafu li miet fl-1886, b'hekk nisgħu niddataw il-perjodu li fih inħadem il-kwadru fin-nuqqas tad-data preċiża. Kwadru ieħor notevoli huwa dak ta' l-Adorazzjoni tal-Maġi li jinsab fil-knisja tad-Dumnikani l-Belt.[10] Fil-Knisja ta' San Anard f'Ħal Kirkop hemm kwadrett tiegħu li juri l-Madonna tal-Karmnu (xogħol tal-1851) u ta' l-istess sena nsibu pittura oħra tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja tax-Xewkija, Għawdex.[11]

## Il-Pittura

Rigward il-pittura nnifisha, li hija żejt fuq it-tila, Mario Buhagiar jikteb hekk fil-ktieb taċ-ċentinarju tal-parroċċa:
*Ix-xena teħodna fuq ix-xtut ta' xmara fi sfond ta' pajsaġġ Umbrjan b'għoljiet imewġu ħelu ħelu li fih, żewġ siġriet tat-tamal, maħsubin biex ifakkru 'l min iħares li suppost qiegħed il-Palestina, huma barra minn lokhom. L-influwenza ta' Raffaello kif riflessa fix-xogħlijiet ta' Minardi tidher fil-mod kif l-artist iddiżinja l-appostli li, f'qagħdiet differenti u ta' stagħġib, jassistu għat-tlugħ fis-sema ta' Kristu. Il-kompożizzjoni hija sodisfaċenti imma xejn naturali. Kristu tielgħa 'l fuq jifforma piramida maż-żewġ appostli weqfin li bejniethom joħolqu l-ispazju li fih tissawwar il-kompożizzjoni.*[12]


RIFERENZI:
1 Papagiorcopulo, Nikolai, 2007, '*The Mission of the Secular and Religious Orders in the Locality of San Ġiljan.*' Teżi għall-Baċellerat ta' l-Arti fit-Teoloġija, mhux ippubblikata.
2 Fiorini, Prof. S., 1992, *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa (1891-1991)*, p.121.
3 Ibid., p.122.
4 Ibid., p. 124
5 Ibid., p. 125
6 Ibid., p. 126
7 Buhagiar, Mario, 'Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u ta' Lapsi,' fi Fiorini (1992) *op. cit.*, p. 195
8 Tagħrif meħud mis-sit www.karmelitanimalta.org
9 Buhagiar 1992, *op. cit.*, p.195
10 Tagħrif meħud mis-sit www.cospicuaparish.org
11 Tagħrif meħud mis-sit www.karmelitanimalta.org
12 Tagħrif meħud mis-sit www.karmelitanimalta.org
13 Buhagiar, 1992, *op. cit.*, p. 195